MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 94/2006

**Il-Pulizija**

***Versus***

**Mario Camilleri**

Dan huwa appell minn sentenza li sabet lill-appellant ħati ta' tentativ ta' serq, ħsara lil ħwejjeġ ħaddieħor, ġarr ta' arma regolari, tehdid lil uffiċjal pubbliku u talli ma obdiex ordnijiet leġittimi u sar reċidiv.
L-appellant kien mixli talli fl-14 ta' Awissu 2004 għall-ħabta tas-6.30 *p.m.* waqt li kien f'tas-Sliema:
1) bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' serq mill-fond numru 14, *Sashebo*, Triq San Ġwann Bosco, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, li ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu u li kieku ġie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-valur li jaqbeż l-elf lira, bil-lok u bil-mezz, għad-detriment ta' Giuseppe u Giuseppa Abdilla kif ukoll

ta’ Maria u Francesca Fenech, ilkoll persuni anzjani ta’ aktar minn 60 sena;

2) fl-istess żmien, ħin, lok u ċirkostanzi voluntarjament ħassar, għarraq jew għamel ħsara lil ħwejjeġ haddiehor, mobbli jew immobbli, billi għamel ħsara fil-bieb tal-fond imsemmi, li taqbeż il-ħamsin lira iżda hija anqas minn ħames mitt lira, u li saret għad-detriment tal-persuni msemmija hawn fuq;

3) fl-istess żmien, ħin, lok u ċirkostanzi li kien qiegħed jagħmel delitt ta’ serq u ħsara lil proprjetà kellu fuq il-persuna tiegħu arma regolari (mus);

4) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, żamm u ġarr strument li jaqta’ u bil-ponta (mus) minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija;

5) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq P.S. 245 Keith Arnaud u P.C. 694 Michael Borg, persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qegħdin jagħmlu jew minħabba li kienu qegħdin jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

6) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet leġittimi ta’ l-awtorità jew ta’ wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jiġifieri lil P.S. 245 Keith Arnaud u P.C. 694 Michael Borg, jew ma ħallihomx, jew b’xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fid-dmirijiet tagħhom billi ma ħallihomx jagħmlu dak li b’liġi huma ordnati jew jistgħu jagħmlu, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li għamlu skond il-liġi, jew b’xi mod ieħor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma kienx jaqa’ taħt disposizzjonijiet ohra tal-Kodiċi Kriminali; u

7) sar reċidiv b’diversi sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

B’sentenza tal-15 ta’ Marzu 2006 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali sabet lill-appellant hati ta’ l-akkużi miġjuba kontra tiegħu, kif indikati fin-nota ta’ l-20 ta’ Ġunju 2005 li biha l-Avukat Ġenerali bagħat l-atti tal-kumpilazzjoni lil dik il-qorti sabiex tiddeċiedi fuq l-akkużi, u, wara li rat l-artt. 41(1)(*a*), 261(*a*), (*b*), (*ċ*) u (*e*), 263 sa 267, 269, 274, 276, 276A, 277 sa 281, 325, 95, 96, 97, 338(*ee*), 49, 50 u 289 tal-Kodiċi

Kriminali u l-art. 13 ta’ l-Ordinanza dwar l-Armi [Kap. 66][1], ikkunndannatu għal priġunerija ta’ ħames (5) snin minn dakinhar tas-sentenza u ordnat il-konfista ta’ l-oġġetti esebiti fl-atti.

L-appellant b’rikors ippreżentat fit-27 ta’ Marzu 2006 talab illi din il-qorti tirriforma s-sentenza billi twettaqha fejn sabitu ħati ta’ l-ewwel akkuża, iżda biss safejn it-tentativ ta’ serq huwa aggravat bil-lok u bil-mezz, u tat-tieni, tar-raba’ u tas-sitt akkużi, u tħassarha fejn sabitu ħati ta’ ksur ta’ l-artt. 95, 96 u 97 tal-Kodiċi Kriminali u fejn sabitu ħati ta’ tentativ ta’ serq ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur, u tirriforma s-sentenza wkoll f’dik il-parti fejn ingħatat il-piena.

L-aggravji kif miġjuba fir-rikors ta’ l-appell huma dawn:

1. l-ewwel qorti kienet legalment skorretta meta sabet ħtija taħt l-art. 96 u meta sabet illi kien hemm iċ-ċirkostanzi aggravanti msemmija fl-art. 97 tal-Kodiċi Kriminali;

2. l-ewwel qorti kienet legalment skorretta wkoll meta sabet ħtija taħt l-art. 95 tal-Kodiċi Kriminali;

3. l-ewwel qorti kienet skorretta wkoll meta sabet ħtija ta’ serq aggravat bi vjolenza għax il-fatt illi persuna jkollha mus fil-but ma jissarrafx f’dak li jingħad fl-artt. 262(1)(*b*) u 262(2) tal-Kodiċi Kriminali;

4. l-ewwel qorti kienet skorretta wkoll meta sabet ħtija ta’ tentativ ta’ serq aggravat bil-valur ta’ aktar minn elf lira għax dan is-sejbien ta’ ħtija kien imsejjes mhux fuq prova iżda fuq suppożizzjoni;

5. il-piena hija eċċessiva għax:

i. l-ewwel qorti naqset milli tapplika dak li jgħid l-art. 17(*h*) tal-Kodiċi Kriminali meta dan l-artikolu kellu japplika dwar il-ħtija taħt l-art. 325 ta’ l-istess kodiċi;

ii. safejn żiedet il-piena taħt l-artt. 289 u l-art. 50 tal-Kodiċi Kriminali, l-ewwel qorti kienet qiegħda tagħti piena darbtejn għall-istess ħaġa – billi dan huwa reat ta’ serq it-tlugħ fil-piena seta’ jsir biss taħt l-art. 289(1) li huwa *lex specialis*;

[1] Din l-Ordinanza kienet tħassret bl-Att dwar l-Armi [Att XIV ta’ l-2005 – Kap. 480] iżda kienet għadha fis-seħħ meta ngħatat is-sentenza appellata.

iii. f'kull każ ma kellux isir tlugħ ta' piena taħt l-art. 50 għax kienu għaddew aktar minn ħames snin mid-data tas-sentenzi;

iv. iż-żmien ta' priġunerija ma kellux iseħħ minn dakinhar tas-sentenza iżda, kif irid l-art. 22 tal-Kodiċi Kriminali, iż-żmien ta' arrest preventiv kellu jitqies parti miż-żmien ta' priġunerija; u

v. safejn l-ewwel qorti sabet ħtija ta' serq aggravat bi vjolenza, u jekk l-aggravju numru tlieta (3) ma jintlaqax, l-ewwel qorti kienet skorretta li tat piena wkoll taħt l-art. 13 tal-Kap. 66, għax b'hekk l-appellant ingħata piena darbtejn għall-istess fatt.

Il-fatti li wasslu għal dan il-każ fil-qosor huma dawn:

Il-pulizija rċievet rapport illi kien hemm tnejn min-nies li kienu qegħdin ibagħbsu bieb ta' dar privata fi Triq San Ġwann Bosco, tas-Sliema, b'mod li joħloq suspett. Meta marru fuq il-post il-pulizija sabu lil dawn it-tnejn min-nies li, kif raw lill-pulizija, bdew mexjin. Il-pulizija sejħitilhom biex jieqfu iżda minnufih bdew jiġru biex jaħarbu. Wieħed minnhom, li kien l-appellant, meta ra lill-pulizija tiġri warajh rema tornavit li kellu fil-but. Meta l-appellant inqabad, lis-surġent tal-pulizija li qabdu qallu "ara ma ssawwatnix għax inċempel lill-ministru; jiġi jirranġakom hu"[2]. Fuq il-persuna ta' l-appellant il-pulizija sabet mus, fost ħwejjeġ oħra. Wara li nqabad l-appellant b'ebda mod ma għen lill-pulizija, u ma kixifx l-isem tal-kompliċi tiegħu.

Il-bieb tad-dar li kienu qegħdin ibagħbsu l-appellant u sieħbu kellu sinjali ta' tentativ ta' sgass. Meta waslu fuq il-post is-sidien tad-dar dawn ma setgħux jiftħu l-bieb minħabba l-ħsara li saritlu. Għalkemm ġewwa d-dar kien hemm persuna oħra, din kienet anzjana, ma tismax u ma timxix, u għalhekk x'aktarx li ma ntebħitx b'dak li kien ġara u ma fetħitx minn ġewwa. Issejħu uffiċjali tal-protezzjoni ċivili u wieħed minn dawn, wara li daħal fid-dar minn wara, fetaħ il-bieb minn ġewwa.

Fid-dar joqogħdu koppja anzjana u żewġ nisa anzjani oħra li huma ħut il-mara. Bejniethom fid-dar kellhom flus u ħwejjeġ mobbli oħra li jiswew aktar minn elf lira. Biex sewwa l-ħsara fil-bieb is-sid ħallas ħamsa u tletin lira (Lm35).

---

2 Ara x-xhieda tas-Surġent Keith Arnaud, *fol*. 37.

L-appellant ma huwiex qiegħed jiċħad illi huwa ħati ta' tentativ ta' serq, lanqas illi r-reat huwa ikkwalifikat bil-lok u bil-mezz, u lanqas ma jiċħad illi għamel ħsara lill-proprjetà ta' ħaddieħor, illi ġarr mus u illi ma obdiex ordnijiet leġittimi. L-aggravji tiegħu jolqtu partijiet oħra tas-sentenza, u nistgħu ngħaddu issa biex inqisu dawn l-aggravji wieħed wieħed.

<u>Dwar is-sejbien ta' ħtija taħt l-artt. 96 u 97 tal-Kodiċi Kriminali</u>

L-appellant qiegħed igħid illi ma kellux jinsab ħati ta' attakk jew reżistenza bi vjolenza kontra persuna inkarigata minn servizz pubbliku, taħt l-art. 96, u taċ-ċirkostanza aggravanti taħt l-art. 97 tal-Kodiċi Kriminali.

L-Avukat Ġenerali waqt it-trattazzjoni orali wera illi jaqbel ma' l-appellant dwar dan l-aggravju. Fil-fatt mix-xhieda ħareġ illi għalkemm l-appellant fittex li jaħrab, u għalhekk ma obdiex l-ordni tal-pulizija biex jieqaf, ma ħebbx għall-pulizija u ma għamilx reżistenza.

Dan l-aggravju huwa għalhekk ġustifikat.

<u>Dwar is-sejbien ta' ħtija taħt l-art. 95 tal-Kodiċi Kriminali</u>

L-appellant qiegħed igħid ukoll illi ma kellux jinsab ħati ta' inġurji jew theddid kontra uffiċjal pubbliku, taħt l-art. 95 tal-Kodiċi Kriminali.

Dan l-aggravju wkoll huwa ġustifikat. Mix-xhieda tas-surġent – li suppost huwa l-vittma tat-theddida – ħareġ illi l-appellant qallu biex ma jsawtuhx għax inkella jċempel lill-ministru u "jirranġahom" hu. L-appellant ma fittixx li jikseb xi ħaġa kontra l-liġi għax kien qiegħed ifittex biss li ma jissawwatx – għalkemm ma hemm ebda prova jew imqar l-iċken indikazzjoni li l-pulizija kienu sejrin jagħmlulu hekk – u għalkemm fi żmien u f'ċirkostanzi oħra li "ċċempel lill-ministru" tista' titqies bħala theddida maħsuba biex iżżomm lil ħadddieħor milli jagħmel dmiru, fi stat ta' dritt u bil-garanziji kollha li tagħti l-liġi kontra l-abbuż ta' setgħat esekuttivi, li tgħid illi sejjer iċċempel lil ministru ma hijiex tehdida.

<u>Dwar is-sejbien ta' ħtija taħt l-artt. 262(1)(*b*) u 262(2) tal-Kodiċi Kriminali</u>

It-tielet aggravju ta' l-appellant huwa illi ma kellux jinsab ħati ta' serq ikkwalifikat bi vjolenza minħabba l-fatt biss li kellu mus fil-but.

Dwar is-serq ikkwalifikat bi vjolenza, l-artt. 262(1)(*b*) u 262(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħidu hekk:

**262.** (1) Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"vjolenza" -

(*a*) … … …;

(*b*) meta l-ħalliel jippreżenta ruħu armat … … … … … …

(2) Sabiex att ta' vjolenza jitqies li jikkwalifika s-serq, huwa biżżejjed li dan l-att isir qabel jew fil-waqt tas-serq, jew minnufih wara, sabiex igħin il-konsumazzjoni tad-delitt, jew il-ħelsien tal-ħati mill-piena jew mill-arrest jew mill-għagħa ta' l-offiż jew ta' oħrajn, jew sabiex il-ħati ma jħallix tiġi lilu meħuda lura l-ħaġa misruqa, jew biex jivvendika ruħu talli ma jkunux ħallewh jew fittxew li ma jħalluhx jisraq, jew talli jkunu ħadulu lura l-ħaġa misruqa, jew talli jkun ġie mikxuf bħala l-ħalliel.

L-appellant fir-rikors ta' l-appell tiegħu jgħid illi "mkien mill-provi ma jirriżulta lil-mus kien qed jintuża jew ser jintuża jew kellu xi konnessjoni ma' din is-serqa". Dan l-aggravju, iżda, ma huwiex ġustifikat. L-appellant mar armat fuq il-post fejn kellu l-ħsieb illi jagħmel is-serqa għax kien qiegħed iġorr mus, u dan huwa biżżejjed biex is-serq, jew it-tentativ ta' serq, fil-każ tallum, jitqies ikkwalifikat bi vjolenza; ma huwiex meħtieġ illi jkun effettivament inqeda bl-arma.

<u>Dwar is-sejbien ta' ħtija taħt l-art. 267 tal-Kodiċi Kriminali</u>

Ir-raba' aggravju ta' l-appellant huwa illi ma kellux jinsab ħati ta' serq ikkwalifikat bil-valur għax dan is-sejbien ta' ħtija kien "a bażi mhux ta' prova iżda ta' suppożizzjoni li, *una volta* ikkunsmat ir-reat, kienu jinsterqu oġġetti ta' valur tali li jirrendi dik is-serqa aggravata bil-valur u *di più* li tali valur kien jeċċedi l-elf lira maltin". L-appellant ikompli jgħid illi "tali suppożizzjoni ma tista' tkun qatt legalment sostenibbli fil-kamp penali anki sempliċement għaliex hija msejsa fl-agħar ipotesi fuq il-probabbli".

Il-benefiċċji illi l-liġi "fil-kamp penali" tagħti lill-akkużat ma jfissrux illi l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi penali għandhom ikunu svinkolati mill-buon sens li jeħodlu postu l-assurd. Ma huwiex kontestat illi l-ħsieb ta' l-appellant kien li jidħol fid-dar ta' ħaddieħor biex jisraq, u, ladarba ħa r-riskju li jikser il-liġi, u li jġib fuqu l-konsegwenzi li jġib miegħu l-ksur tal-liġi, ma hemm u ma jista' jkun hemm ebda dubju raġonevoli illi kien sejjer jieħu l-ogħla

benefiċċju li kienu joffrulu ċ-ċirkostanzi li kieku l-ħsieb tiegħu seħħ.

Saret il-prova bix-xhieda tas-sidien tad-dar illi fid-dar kien hemm flus u ħwejjeġ mobbli, li jinġarru faċilment, li jiswew aktar minn elf lira u din il-qorti, bħall-ewwel waħda, ma għandha ebda dubju illi, li kieku ma kienx għall-inizjattiva ta' min għamel ir-rapport lill-pulizija u għall-intervent pront tal-pulizija, l-appellant u sieħbu kienu jġorru dak li seta' jinġarr.

Dan l-aggravju, għalhekk, ma huwiex ġustifikat.

L-aggravji dwar il-piena

Ladarba din il-qorti sejra tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata li sabet ħtija taħt l-artt. 95, 96 u 97 tal-Kodiċi Kriminali, sejra f'kull każ tqis mill-ġdid il-piena. Madankollu, sejra tqis ukoll l-aggravji dwar il-piena.

Dwar in-nuqqas ta' applikazzjoni ta' l-art. 17(*h*) dwar il-ħtija taħt l-art. 325 tal-Kodiċi Kriminali

L-art. 17(*h*) tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk:

**17.** Fil-konkors ta' reati u ta' pieni, igħoddu d-disposizzjonijiet li ġejjin:

… … …

(*h*) meta żewġ reati jew iżjed, li flimkien ma jagħmlux delitt ikkwalifikat, iservu bħala mezz biex isir reat ieħor, sew ikkwalifikat jew sempliċi, għandha tingħata l-piena għar-reat l-aktar gravi.

L-art. 325 huwa dwar il-piena li tingħata lil min "volontarjament iħassar, jagħmel ħsara jew igħarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli".

Tassew illi l-ħsara li saret lill-bieb ta' barra tad-dar saret waqt tentativ ta' sgass tal-bieb, u għalhekk saret bħala mezz biex isir reat ieħor. Il-piena li ngħatat, iżda, kif sejrin naraw, kienet taħt il-massimu li seta' jingħata għar-reat l-aktar gravi, u għalhekk ma hemmx prova illi l-ewwel qorti tat piena kemm għat-tentativ ta' serq kif ukoll għar-reat ta' ħsara lil proprjetà. Għalhekk, filwaqt illi din il-qorti sejra tqis dak li jgħid l-art. 17(*h*) tal-Kodiċi Kriminali meta tiġi biex tqis mill-ġdid il-piena, ma jidhirx illi dan l-aggravju hu ġustifikat.

Dwar il-piena taħt l-artt. 289 u l-art. 50 tal-Kodiċi Kriminali

L-appellant igħid ukoll illi ngħata piena darbtejn għall-istess ħaġa, kemm taħt l-art. 289 u kemm taħt l-art. 50 tal-Kodiċi Kriminali:

**50.** Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.

**289.** (1) Fil-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-sub-titolu ["Fuq is-Serq"], il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna, bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa tliet gradi.

Iżda, kif igħid l-appellant stess fl-aggravju numru (iii) dwar il-piena, l-art. 50 ma jgħoddx għall-każ tiegħu għax il-piena mogħtija lilu fis-sentenzi l-oħra kienet ta' anqas minn ħames snin, u dawk is-sentenzi ngħataw aktar minn ħames snin qabel ma l-appellant għamel id-delitt li dwaru huma l-proċeduri tallum. Għalhekk, il-piena fil-każ tallum ma setgħetx tiżdied taħt l-art. 50, u ma hemm ebda prova li żdiedet taħt dak l-artikolu għax hija f'kull każ taħt il-massimu li seta' jingħata wkoll mingħajr l-applikazzjoni ta' dak l-artikolu.

<u>Dwar iż-żjieda tal-piena taħt l-art. 50 tal-Kodiċi Kriminali</u>

L-appellant igħid illi ma setgħetx żdiditlu l-piena taħt l-art. 50 tal-Kodiċi Kriminali għax il-piena mogħtija lilu fis-sentenzi l-oħra kienet ta' anqas minn ħames snin, u dawk is-sentenzi ngħataw aktar minn ħames snin qabel. Dan huwa minnu, iżda kif rajna fil-paragrafu minnufih qabel dan, ma hemm ebda prova li l-piena żdiedet taħt l-art. 50.

<u>Dwar iż-żmien ta' priġunerija</u>

Aggravju ieħor hu illi s-sentenza appellata qalet illi ż-żmien ta' priġunerija kellu jibda jseħħ minn dakinhar tas-sentenza, u għalhekk ma jitqiesx iż-żmien li matulu l-appellant kien arrestat qabel is-sentenza, kif irid l-art. 22 tal-Kodiċi Kriminali.

Dan l-aggravju hu ġustifikat, għax l-art. 22 irid illi "kull żmien qabel id-dikjarazzjoni ta' ħtija u l-kundanna li tulu l-ikkundannat ikun inżamm fil-ħabs għar-reat jew reati li tiegħu jew tagħhom huwa jkun ġie hekk misjub ħati u kkundannat, li ma jkunx żmien magħmul fil-ħabs f'esekuzzjoni ta' kundanna, jitqies bħala parti miż-żmien ta' priġunerija jew detenzjoni taħt il-kundanna tiegħu".

<u>Dwar il-piena għal serq ikkwalifikat bi vjolenza u l-piena taħt l-art. 13 tal-Kap. 66</u>

L-aħħar aggravju ta' l-appellant hu illi ma setax jingħata piena għal serq ikkwalifikat bi vjolenza, għax kien armat, u jingħata piena oħra taħt l-art. 13 tal-Kap 66 talli kellu sikkina fuqu, għax hekk ikun qiegħed jiġi penalizzat darbtejn għall-istess fatt.

Dan l-aggravju ma huwiex ġustifikat għax il-piena li ngħatat ma hijiex iżjed minn dik li tista' tingħata għal serq ikkwalifikat bi vjolenza, bla ma tqis l-art. 13 tal-Kap. 66, u għalhekk ma hemmx prova illi ngħatat piena taħt dak l-artikolu wkoll.

<u>Il-piena</u>

Ngħaddu issa biex naraw mill-ġdid x'għandha tkun il-piena.

L-appellant, kif rajna, hu ħati ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur li jaqbeż l-elf lira. L-artikoli relevanti huma l-artt. 276, 278(1), 279(*b*) u 280 (2) tal-Kodiċi Kriminali:

**276.** Il-ħati ta' serq ikkwalifikat bil-"vjolenza", iżda li ma jsirx flimkien ma' xi waħda miċ-ċirkostanzi msemmijin fl-artikoli 272[3], 273[4], 274[5] u 275[6], jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn disa' xhur sa tliet snin.

**278.** (1) Il-ħati ta' serq ikkwalifikat bil-"mezz" biss, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn ħames xhur sa tliet snin.

**279.** Il-ħati ta' serq ikkwalifikat bil-"valur" biss, jeħel -

(*a*) … … …;

(*b*) jekk il-valur tal-ħaġa misruqa jkun iżjed minn elf lira, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tlettax-il xahar sa seba' snin:

**280.** (2) Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"valur", ikun akkumpanjat ukoll bil-kwalifika tal-"vjolenza" jew tal-"mezz", jew bit-tnejn, għandha tingħata l-piena li hemm għas-serq akkumpanjat b'dawk il-kwalifiki:

Iżda, jekk din il-piena tkun anqas mill-pieni msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, għandhom jingħataw dawn l-aħħar pieni miżjuda bi grad.

Meta tapplika dawn l-artikoli flimkien, issib illi l-piena għandha tkun minn tlittax-il xahar sa seba' snin miżjuda bi

3 Omiċidju.
4 Tentativ ta' omiċidju.
5 Offiża fuq il-persuna.
6 Sekwestru tal-persuna.

grad. Billi kien hemm biss tentativ, il-piena għandha tonqos bi grad jew tnejn skond l-art. 41(1)(*a*) tal-Kodiċi Kriminali, iżda tista' wkoll tiżdied bi grad jew tnejn talli l-appellant huwa reċidiv taħt l-art. 289(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Fiċ-ċirkostanzi, u fid-dawl tal-fatt illi l-appellant ma ikkopera xejn mal-pulizija, il-qorti hija tal-fehma illi l-piena għandha tkun eqreb tal-massimu milli tal-minimu, u illi għalhekk l-piena ta' ħames snin mogħtija mill-ewwel qorti hija waħda xierqa għaċ-ċirkostanzi, ukoll meta tqis illi l-appellant ma huwiex ħati wkoll taħt l-artt. 95, 96 u 97 tal-Kodiċi Kriminali, u għandha tonqos biss b'ammont nominali talli din il-qorti sejra tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata li sabet ħtija taħt dawk l-artikoli wkoll.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata: tħassarha fejn sabet lill-appellant ħati taħt l-artt. 95, 96 u 97 tal-Kodiċi Kriminali; twettaqha fejn sabitu ħati ta' l-akkużi l-oħrajn kollha miġjuba kontra tiegħu; u tirriformaha fil-parti dwar il-piena billi tikkundanna lill-appellant għall-piena ta' priġunerija għal erba' snin u sitt xhur b'dan iżda illi kull żmien qabel illum li tulu l-appellant inżamm fil-ħabs għar-reati li tagħhom huwa ġie llum misjub ħati u kkundannat, li ma jkunx żmien magħmul fil-ħabs f'esekuzzjoni ta' kundanna oħra, jitqies bħala parti miż-żmien ta' priġunerija taħt il-kundanna tiegħu tallum; twettaqha wkoll fejn ordnat il-konfiska.

Tordna wkoll illi tintbagħat kopja ta' din is-sentenza lill-ewwel qorti kif irid l-art. 428(8) tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------